MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Numru 256/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Camilleri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Camilleri, bin John u Maria Stella nee Cassar, imwieled fit-23 ta' Marzu 1968, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 19868G, talli fil-jiem ta' qabel it-18 ta' Novembru 2004, fl-inhawi maghrufa bhala "Qasam San Gorg", limiti tar-Rabat, Ghawdex, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li ppretenda li ghandu, fixkel lil Joseph Zerafa fil-pussess ta' hwejjgu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-1 ta' Awissu 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Michael Camilleri hati skond l-imputazzjoni

dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ tlieta u disghin Euro (€93);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Michael Camilleri, minnu pprezentat fis-6 ta’ Awissu 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2008; ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda essenzjalment passagg, jew ahjar allegat dritt ta’ passagg, li Joseph Zerafa jghid li ghandu minn fuq art li jahdem Michael Camilleri, biex l-istess Zerafa jaccedi ghall-ghalqa li jahdem hu. L-imsemmi Zerafa jikkontendi li fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni f’okkazjoni partikolari huwa gie mfixkel f’dan id-dritt ta’ passagg minn Camilleri peress li dan tal-ahhar zergha t-tewm f’parti minn dan il-“passagg”. Camilleri, min-naha tieghu, jghid li la qatt kien hemm passagg (fis-sens ta’ passagg fiziku) u anqas xi dritt ta’ passagg minn fuq il-ghalqa li jahdem hu[1].

Din il-Qorti, wara li semghet il-provi kollha hi tal-fehma li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha. Apparti li, kif gustament jinghad fir-rikors ta’ appell, jidher li l-Qorti Inferjuri hadet in konsiderazzjoni deposizzjonijiet ta’ nies li ma kienux xhieda <u>f’din il-kawza</u>[2], u apparti li mill-provi mismugha fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2008 hemm dubju serju kemm jista’ jinghad li Zerafa kellu xi dritt ta’ passagg minn fuq l-art tal-appellant minn fejn jghid li ghandu[3], anke li kieku, ghall-grazzja tal-argument, huwa kellu dan id-dritt ta’ passagg, ma jistax jinghad li l-appellant b’xi mod

[1] Qed tintuza l-espressjoni “ghalqa li jahdem” ghax mill-provi ma hux car ghal kollox jekk l-ghalqa l-wahda u l-ohra humiex proprjeta` ta’ Zerafa u Camilleri, jew jekk dawn jinsabux ghandhom taht xi titolu iehor. Ghall-finijiet ta’ din il-kawza, il-kwistjoni tat-titlu ma hix relevanti.

[2] F’pagna tnejn tas-sentenza appellata, in fatti, jinghad “Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe` lill-Perit Valerio Schembri, Carmela Cini, Saviour Cini, Francis Cini…”. Mill-verbali registrati quddiem l-ewwel qorti ma jirrizultax li dawn l-erbgha kienu xhieda <u>f’din il-kawza</u>.

[3] Ara l-“passagg” immarkat bil-blu fuq id-dokument EV1a fol. 32 tal-atti.

"fixkel" lil Zerafa "fil-pussess ta' hwejgu". In fatti mid-deposizzjoni ta' l-istess Zerafa jirrizulta li ghalkemm Camilleri zergha t-tewm f'parti jew bicca mill-passagg li Zerafa jghid li ghandu dritt jghaddi minnu, fl-okkazjoni partikolari meta Zerafa ried jghaddi minn hemm bil-mohriet huwa xorta wahda ghadda liberament biex mar fl-ghalqa tieghu. Fir-realta` it-tfixkil kien ravvizat pjuttost *ex post facto*, fis-sens li billi Camilleri allega li Zerafa kien ghamillu hsara fit-tewm u rrappurtah lill-pulizija u talab li jittiehdu passi kriminali kontra tieghu, Zerafa ried li jittiehdu wkoll passi kontra Camilleri.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghalhekk, ma jistax jinghad li jikkonkorru l-estremi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali.

Konsegwentement tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-1 ta' Awissu 2008 fl-ismijiet premessi, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------